Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,658, 6 ta' Lulju, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXVII tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT li jemenda liġijiet varji relatati mar-reġistrazzjoni ta' inġenji tal-ajru.

ACT No. XXXVII of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws relating to aircraft registration.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

6 ta’ Lulju, 2021

ATT Nru XXXVII tal-2021

ATT li jemenda liġijiet varji relatati mar-reġistrazzjoni ta’ inġenji tal-ajru.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda Liġijiet Varji dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru jista’ b’avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta’ dan l-Att.

Taqsima I
Emendi għall-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru

Emendi tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru. Kap. 503.

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Tifsir. Kap. 503.

3. Kliem u frażijiet użati f’din it-Taqsima tal-Att għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Inġenji tal-Ajru.

Emenda tal-Arranġament tal-Att.

4. Fl-Arranġament tal-Att, il-kliem "It-Tieni Skeda Fomula ta' Tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal Esportazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-Tieni Skeda il-Liġi ta' Implimentazzjoni fir-rigward tal-proċedura għar-reġistrazzjoni u t-tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal esportazzjoni u Tneħħija ta' Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru u l-Esportazzjoni ta' Oġġetti tal-Inġenji tal-Ajru taħt tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal Esportazzjoni.".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

5. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "inġenji tal-ajru", il-kliem "iżda, li ma jkunux inġenji tal-ajru użati fis-servizzi militari, tad-dwana jew tal-pulizija ta' xi Stat" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li jinkludi inġenji tal-ajru mingħajr bdot b'disinn li huwa soġġett għal ċertifikazzjoni skont ir-Regolament Bażiku tal EASA u oqfsa ta' inġenji tal-ajru b'magni ta' inġenji tal-ajru installati fuqhom, minbarra dawk użati minn servizzi militari, tad-dwana jew tal-pulizija ta' xi Stat;" u minnufih warajha għandha tiżdied t-tifsira ġdida li ġejja:

" "inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord" tfisser kull inġenju tal-ajru li jopera jew imfassal biex jopera mingħajr bdot jew permezz ta' sistemi tal-ajru kkontrollati minn bdot mill-bogħod mingħajr bdot abbord;

"istituzzjoni ta' kreditu" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att Bankarju;"; Kap. 373.

(b) it-tifsira "Ministru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni ċivili u, sa fejn tingħata awtorità, kull persuna awtorizzata għalhekk minn dak il-Ministru;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "il-Protokoll" għandha tiżdied it-tifsira ġdid li ġejja:

" "persuna nominata ċċertifikata" tfisser kull parti mqabbda bħala persuna ċċertifikata li tkun innominata mill-parti awtorizzata taħt tneħħija ta' reġistrazzjoni li tkun irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għall-esportazzjoni:";

(d) it-tifsira "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru"

jew "reġistru" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdid li ġejja:

" "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru" jew "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" jew "reġistru" tfisser ir-reġistru li għandu jinżamm mid-Direttur Ġenerali skont l-artikolu 4;" u minnufih wara għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Regolazzjonijiet Bażiċi tal-EASA" tfisser Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fit-taqsima tal-avjazzjoni ċivili u l-istabbiliment ta' Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u l-emendi ta' Regolazzjonijiet (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u regolamenti li jħassru Regolazzjonijiet (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u Regolazzjoni tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91, kif emendati minn żmien għal żmien;"; u

(e) fit-tifsira "reġistrant", il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

6. L-artikolu 4 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

(a) fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru.";

(b) fis-subartikoli (1), (2), (3) u (4) tiegħu, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru";

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) is-subparagrafu (iii) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) l-isem sħiħ, indirizz, indirizz elettroniku u n-numru telefoniku tal-persuni naturali jew legali taħt min hu rreġistrat l-inġenju tal-ajru, u f'liema kapaċità r-reġistrant rreġistra l-inġenju tal-ajru skont l-artikolu 5;";

(ii) is-subparagrafi (v), (vi) u (vii) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (vi), (vii) u (viii) rispettivament;

(iii) minnufih wara s-subparagrafu (iv) tiegħu għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(v) l-isem sħiħ, indirizz, indirizz elettroniku u n-numru telefoniku tal-persuni naturali jew legali li jkollhom il-jedd tal-propjetà fuq l-inġenju tal-ajru;";

(iv) is-subparagrafu (vii) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(vii) id-dettalji ta' kull tneħħija ta' reġistrazzjoni li tkun irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni, skont l-artikolu 2 tat-Tieni Skeda, jew kull prokura, irrevokabbli jew xort'oħra, f'dokument separat jew bħala parti minn ftehim bejn il-partijiet, mogħtija lil sid jew lil sid il-kera ta' inġenji tal-ajru jew mogħtija bħala garanzija lill-*mortgagee*, jew lil terza persuna għall-benefiċċju ta' persuna bħal dik, li jagħtu s-setgħat marbuta mal-eżercizzju tad-drittijiet relatati mal-inġenji tal-ajru, jew għall-għeluq tar-reġistru f'isem ir-reġistrant u fil-każ fejn jingħata mandat jew prokura għal perjodu ta' żmien speċifikat li wara li jgħaddi ż-żmien il-mandat jew il-prokura, dik id-data ukoll għandha tiġi mniżżla fir-reġistru u r-reġistrazzjoni tal-mandat ma jkollha l-ebda effett wara dik id-data. Tneħħija ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni waħda biss jew prokura waħda biss għandha tiġi rrekordjata fir-reġistru u t-tneħħija ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni hawn imsemmija għandha tiġi maħruġa biss mir-reġistrant tal-inġenju tal-ajru. Barra minn hekk, kull persuna nominata ċċertifikata taħt kull tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' talba għal Esportazzjoni jew kull delegat taħt kwalunkwe prokura għandha wkoll tiġi rrekordjata fir-reġistru. Iżda kull tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni jew prokura maħruġa minn kull persuna minbarra r-reġistrant u rrekordjata fir-reġistru qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan il-proviso għandha tibqa valida, bl-effett tar-rabta, u debitament eżegwibbli;"; u

(v) minnufih wara s-subparagrafu (viii) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(ix) id-dettalji ta' kull garanzija internazzjonali rreġistrata fuq l-inġenju tal-ajru fir-Reġistru Internazzjonali, u sussegwentement, kull tranżazzjoni relatata ma' dawn il-garanziji internazzjonali;".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

7. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

8. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru"; u

(b) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, il-kliem "jew fl-Iżvizzera, li mhux inqas minn ħamsin fil-mija tal-ishma jkunu jappartjenu u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew fl-Iżvizzera, u jekk qiegħda twettaq servizzi tal-ajru, allura mhux inqas minn ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma jkunu jappartjenu u".

Emenda tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali.

9. Fin-nota marġinali tal-artikolu 9 tal-Att prinċipali, il-kliem "fir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 10 tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 10 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "u li jkun fih id-dettalji msemmija fl-artikolu 9." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u li jkun fih id-dettalji msemmija fl-artikolu 9(a), (b), (ċ) u (d),";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, il-kliem "Ċertifikat ta' reġistrazzjoni jinħareġ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ċertifikat ta' reġistrazzjoni jista' jinħareġ"; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (8) u minnufih wara s-subartikolu (2)

għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(3) Id-Direttur Ġenerali jista', fid-diskrezzjoni tiegħu sabiex jiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru fiċ-ċirkostanzi addattati, jipproċedi biex joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni wara eżenzjoni tal-inġenju tal-ajru milli jkollu marki tar-reġistrazzjoni u, jew milli jwaħħal il-pjanċa tal-metall li tirreżisti n-nar hekk stipulat fit-Taqsima B tar-Raba' Skeda.

(4) Id-Direttur Ġenerali jista' minn żmien għal żmien joħroġ linja gwida sabiex jiddetermina kwalunkwe eżenzjoni li tista' tingħata relatata mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni għal kull inġenju tal-ajru rreġistrat taħt dan l-Att. Kull linja gwida għandha tiddetermina:

(a) il-bażi fuq liema u taħt liema kondizzjonijiet kull eżenzjoni f'dan ir-rigward tista' tingħata; u

(b) meta kull ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ għandu jkun soġġett għall-kondizzjoni li l-inġenju tal-ajru ma għandux ikun operat, ġeneralment għal titjira speċifika.

(5) Kull kondizzjoni imposta għal kull eżenzjoni maħruġa skont is-subartikolu (3) jew kull linja gwida maħruġa skont is-subartikolu (4) għandha tkun irreġistrata fir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru u ladarba dawn il-kondizzjonijiet jiġu sodisfatti, għandhom jitneħħew skont dan.

(6) Minbarra l-eċċezzjonijiet ta' hawn fuq:

(a) id-Direttur Ġenerali għandu f'kull ħin qabel il-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni, irċieva tal-inqas:

(i) evidenza tat-titolu tas-sidien tal-inġenju tal-ajru; u

(ii) evidenza illi l-inġenju tal-ajru tneħħa mir-reġistru tar-reġistu preċedenti, li turi l-piżijiet irreġistrati, jekk hemm;

(b) fl-iffaċilitar tar-reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru bħal dan, f'ċirkostanzi xierqa, kif imsemmi fis-subartikoli preċedenti, id-Direttur Ġenerali għandu dejjem jassigura konformità ma' kwalunkwe regolamenti jew direttivi jew taħt kwalunkwe regolament tal-UE jew konvenzjoni internazzjonali, li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà tal-operazzjoni ta' inġenju tal-ajru jew mal-kapaċità tiegħu li jtir.

(7) Id-Direttur Ġenerali jista' jissospendi jew jirrevoka kwalunkwe eżenzjoni maħruġa u, jew mogħtija taħt dan l-Att fuq bażi jew evidenza suffiċjenti ta' ksur ta' kwalunkwe kondizzjoni li huma soġġetti għall-eżenzjoni maħruġa jew mogħtija u jekk ordnata mill-Ministru.".

Emenda tal-artikolu 12 tal-Att prinċipali.

11. L-artikolu 12 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) kull fejn jidhru u fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru"; u

(b) l-ewwel proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fejn hemm irreġistrat fir-reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru *mortgage* fuq inġenju tal-ajru jew tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni, id-Direttur Ġenerali għandu jipprovdi lill-*mortgagee* jew lill-parti awtorizzata jew lill-persuna nominata ċċertifikata fi żmien ħmistax (15) -il ġurnata preavviż bl-intenzjonijiet tiegħu u jirċievi r-rappreżentazzjonijiet mingħand il-*mortgagee,* il-parti awtorizzata jew il-persuna nominata ċċertifikata. Id-Direttur Ġenerali għandu jaġixxi b'tali mod illi jipproteġi l-istatus tal-*mortgage* jew tat-tneħħija ta' reġistrazzjoni ta' talba għal esportazzjoni u d-drittijiet tal-*mortgagee* jew tal-parti awtorizzata jew tal-persuna nominata ċċertifikata.".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

12. L-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (g) tiegħu, il-kliem "jiġu osservati, jew;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jiġu osservati;";

(ii) fil-paragrafu (h) tiegħu, il-kliem "jew gassijiet mill-inġenji tal-ajru." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew gassijiet mill-inġenji tal-ajru; jew" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(i) jekk id-Direttur Ġenerali jidhirlu li l-inġenju tal-ajru mhuwiex konformi ma' kwalunkwe kondizzjoni taħt dan l-Att u, jew taħt linji gwida jew eżenzjonijiet hekk kif jiġu preskritti mid-Direttur Ġenerali u l-istess nuqqas ta' konformità ma ġiex

rimedjat matul il-perjodu impost mid-Direttur Ġenerali,";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Fejn talba għal kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru hija magħmula minn persuna awtorizzata jew minn delegat tiegħu bil-kitba jew persuna nominata ċċertifikata, skont tneħħija ta' reġistrazzjoni u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni jew prokura, irreġistrata fir-reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru jew fir-Reġistru Internazzjonali, skont il-formoli u l-proċeduri mniżżlin fit-Tieni Skeda, din it-talba għandu jaġixxi fuqha, f'kull każ, id-Direttur Ġenerali, sakemm ma jkunx hemm xi garanzija internazzjonali rreġistrata fir-reġistru Internazzjonali, li tikklassifika fi prijorità, fejn f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandhom japplikaw.";

(ċ) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(4) ir-reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru li huwa soġġett ta' *mortgage* mhux imħallsa jew ta' garanzija internazzjonali jew tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni rreġistrata jew prokura rreġistrata ma għandiex tkun ikkanċellata fuq bażi ta' kwalunkwe każ imsemmi fis-subartikolu (1) u, id-Direttur Ġenerali ma għandux jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-istess inġenju tal-ajru skont dan l-artikolu sakemm kull detentur ta' *mortgages* irreġistrati jew tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni reġistrata jew garanziji internazzjonali reġistrati jew prokuri reġistrati fuq dak l-inġenju tal-ajru taw il-kunsens għall-kanċellazzjoni:

Iżda d-Direttur Ġenerali għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-istess inġenju tal-ajru fejn it-talba għall-kanċellazzjoni ssir minn persuna awtorizzata jew mid-delegat tiegħu bil-kitba jew persuna nominata ċċertifikata, skont it-tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli irreġistrata u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni jew prokura, irreġistrata fir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru jew fir-Reġistru Internazzjonali sakemm id-detentur tal-istess tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli irreġistrata u awtorizazzjoni ta' talba għal esportazzjoni jew id-delegat

tiegħu jew persuna nominata ċċertifikata jew prokura ġiet iċċertifikata skont it-Tieni Skeda, u jkun issottometta dokumenti sustantivi għas-sodoisfazzjon tad-Direttur Ġenerali, li kull garanzija internazzjonali tikklassifika skont il-prijorità għal dak id-detentur ta' tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli irreġistrata u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni jew id-delegat tiegħu jew persuna nominata ċċertifikata jew prokura li ġew meħlusin jew li d-detenturi tal-istess garanzija taw il-kunsens għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni u għall-esportazzjoni tal-inġenju tal-ajru jew ta' xi magna relatata hekk kif speċifikat fit-Tieni Skeda:

Iżda wkoll jekk għandu jkun hemm *mortgage* rreġistrata li ġiet irreġistrata qabel id-data effettiva, id-Direttur Ġenerali għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni ta' tali inġenju tal-ajru jekk id-detentur ta' tali *mortgage* rreġistrata jeħles il-*mortgage* jew jagħti kunsens għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni u għall-esportazzjoni tal-inġenju tal-ajru jew ta' xi magna relatata:

Iżda wkoll fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1)(e), il-Ministru jista' jordna li reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru tiġi kkanċellata anke mingħajr il-kunsens tal-*mortgagee* jew id-detentur ta' garanzija internazzjonali jew id-detentur ta' tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli rreġistrata u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni jew id-delegat tiegħu jew persuna nominata ċċertifikata, iżda li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu segwenti għandhom japplikaw qabel ma sseħħ il-kanċellazzjoni.";

(d) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1)(e) fuq imsemmi, id-Direttur Ġenerali għandu jagħti kull reġistrant, kull *mortgagee*, kull detentur ta' kull garanziji internazzjonali u kull persuna awtorizzata jew id-delagat tiegħu jew persuna nominata ċċertifikata taħt awtorizzazzjoni ta' tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni mill-inqas avviż ta' ħmistax (15)-il ġurnata ta' xogħol ta' kwalunkwe intenzjoni għall-għeluq tar-reġistru, skont dan l-artikolu, sakemm il-kawża tal-għeluq hija rimedjata matul dan il-perjodu jew perjodu itwal kif imsemmi fl-avviż. Id-Direttur Ġenerali għandu jispeċifika r-raġuni proposta għall-għeluq fl-avviż u d-data tal-iskandenza għall-

kwistjoni biex tiġi indirizzata, u fin-nuqqas ta' dan l-għeluq iseħħ."; u

(e) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "ir-reġistrant jew kull *mortgagee*" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-reġistrant, kull *mortgagee*, kull detentur ta' kull garanzija internazzjonali u kull persuna awtorizzata jew id-delegat tiegħu jew persuna nominata ċċertifikata taħt awtorizzazzjoni għat-tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni".

Emenda tal-artikolu 14 tal-Att prinċipali.

13. L-artikolu 14 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "detenturi oħra ta' kull garanzija reali:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "detenturi oħra ta' kull garanzija reali, inkluż id-detentur ta' kull garanzija internazzjonali jew kull persuna awtorizzata jew persuna nominata ċċertifikata taħt kull tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni:"; u

(b) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-Direttur Ġenerali jista', mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-*mortgagee* jew id-drittijiet tad-detentur ta' kull garanzija internazzjonali jew kull persuna awtorizzata jew persuna nominata ċċertifikata taħt tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni, jikkomunika indipendentement mal-*mortgagee* jew detentur ta' kull garanzija reali jew id-detentur ta' kull garanzija internazzjonali inkluži kull persuna awtorizzata jew persuna nominata ċċertifikata taħt kull tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni, jieħu kull azzjoni skont il-bżonn, inkluż l-estensjoni tal-validità tar-reġistrazzjoni lil hinn miż-żmien tal-iskadenza, għall-għeluq tajjeb tar-reġistru u l-infurzar tal-*mortgage* jew garanziji reali oħra jew garanziji internazzjonali inkluż l-ifurzar ta' kull tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni u anke sabiex jaċċerta l-operazzjoni sigura tal-inġenju tal-ajru.".

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

14. Fis-subartikoli (1), (2) u (3) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali u fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

15. Fil-proviso tas-subartikolu (3) tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru". Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

16. L-artikolu 25 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali.

(a) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, inġenju tal-ajru għandu jkun jinkludi:

(a) kull data, manwal u rekord tekniku, u

(b) il-qafas tal-inġenju tal-ajru, kull apparat, makkinarju u ħwejjeġ oħra bħala aċċessorji li jappartjenu għall-inġenju tal-ajru, li huma abbord jew li kienu tneħħew minn hemm temporanjament, u

(ċ) kull magna proprjetà tas-sid tal-inġenju tal-ajru kemm jekk hi mqabbda mal-inġenju tal-ajru jew le, kif ukoll magni għat-tibdil li huma mfassla għall-użu fuq l-inġenju tal-ajru u proprjetà tas-sid tal-inġenju tal-ajru imma li temporanjament ma humiex imqabbdin mal-inġenju tal-ajru."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, il-paragrafi (a), (b) u (ċ) għandhom jiġu mħassra.

17. Fit-tieni paragrafu tas-subartikolu (4) tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru". Emenda tal-artikolu 26 tal-Att prinċipali.

18. Fis-subartikolu (6) tal-artikolu 27A tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "taħt is-Sub-Titolu III tat-Titolu VIII tal-Parti I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili", għandu jiżdied dan li ġej: Emenda tal-artikolu 27A tal-Att prinċipali.

"Kumpanija Maltija li hija jew kellha pussess ta' Liċenzja ta' Operatur tal-Ajru kif maħruġa mid-Direttur Ġenerali se tkun ikkunsidrata bħala kumpanija li l-oġġett jew funzjoni prinċipali tagħha hi li jkollha pussess, iżżomm, topera, topera b'*charter*, tamministra jew tikri kull inġenju tal-ajru jew magni tal-inġenju tal-ajru u għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 329B tal-Att dwar il-Kumpanniji għandhom awtomatikament ma japplikawx għal din il-kumpanija.". Kap. 386.

Emenda tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali.

19. Fis-subartikolu (7) tal-artikolu 29 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali.

20. Fis-subartikoli (1), (3), (4), (5), u (6) tal-artikolu 30 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali.

21. Fis-subartikoli (1) u (6) tal-artikolu 31 tal-Att prinċipali, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali.

22. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 33 tal-Att prinċipali.

23. L-artikolu 33 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (6) tiegħu, il-kliem "kif ukoll għal *mortgages* li jiggarantixxu djun futuri" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif ukoll *mortgages* li jiggarantixxu obbligazzjonijiet futuri"; u

(b) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tiegħu, il-kliem "l-*mortgage* jiggarantixxi dejn futur fil-limitu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-*mortgage* jiggarantixxi obbligazzjoni futura fil-limitu".

Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

24. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

25. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali.

26. Fis-subartikoli (1), (3) u (5) tal-artikolu 37 tal-Att prinċipali, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 37A tal-Att prinċipali.

27. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 37A tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

Emenda tal-artikolu 37B tal-Att prinċipali.

28. Fl-artikolu 37B tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem

"Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru".

29. Fl-artikolu 38 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru". Emenda tal-artikolu 38 tal-Att prinċipali.

30. Fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali, il-kliem "ir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru". Emenda tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

31. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 41 tal-Att prinċipali, il-kliem "Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Reġistru Malti tal-Inġenji tal-Ajru". Emenda tal-artikolu 41 tal-Att prinċipali.

32. It-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja: Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

"IT-TIENI SKEDA
(artikoli 4 u 13)

IL-PROĊEDURI U L-FORMOLI APPLIKABBLI GĦAR-REĠISTRAZZJONI U KANĊELLAZZJONI TA' TNEĦĦIJA TA' REĠISTRAZZJONI IRREVOKABBLI U AWTORIZZAZZJONI TA' TALBA GĦAL ESPORTAZZJONI U TNEĦĦIJA TA' REĠISTRAZZJONI TA' INĠENJU TAL-AJRU U L-ESPORTAZZJONI TA' OĠĠETTI TAL-INĠENJI TAL-AJRU TAĦT TNEĦĦIJA TA' REĠISTRAZZJONI IRREVOKABBLI U AWTORIZZAZZJONI TA' TALBA GĦAL ESPORTAZZJONI

Malta ppromulgat il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni hekk segwenti ("din l-Iskeda") li tirrelata mal-proċeduri għar-rekordjar u kanċellazzjoni ta' tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni u tneħħija ta' reġistrazzjoni ta' inġenju tal-ajru u l-esportazzjoni ta' oġġetti tal-inġenji tal-ajru taħt tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u awtorizzazzjoni ta' talba għal esportazzjoni.

Article 1
Definitions

In this Schedule, references to "this Act" are references to the principal Act to which this Schedule is annexed and except where the context otherwise requires, the following terms are employed with the meanings set out below:

(a) "Aircraft" means aircraft as defined for the purposes of the Chicago Convention which are either airframes with

aircraft engines installed thereon or helicopters and duly registered or intended to be registered in the National Aircraft Register and to which the Treaty applies;

(b) "Applicant" means an entity or person that has applied or is applying for the registration of an Aircraft in the National Aircraft Register;

(c) "Authorised Party" means an entity or person in favour of whom an IDERA has been issued;

(d) "Certified Designee" means an entity or person named in a Designation as the certified designee under an IDERA;

(e) "Convention" means the Convention on International Interests in Mobile Equipment, 2001;

(f) "Declarations" means the declarations lodged by the state of Malta in connection with its accession to the Convention and Protocol;

(g) "De-Registration" means the deletion or removal of the registration of an Aircraft from the Registry and promptly providing documentary evidence of such De-Registration to the Authorised Party or Certified Designee, as applicable;

(h) "Designation" means a designation in the form of Annex 2;

(i) "Export" means the export and physical transfer of an Aircraft from the territory of Malta;

(j) "IDERA" means an Irrevocable De-Registration and Export Request Authorisation in the form of Annex 1;

(k) "Officer" of an entity means the person who is duly authorised to represent such entity or whose signing authority is acceptable to the Director General;

(l) "Protocol" means the Protocol to the Convention on International Interests in Mobile Equipment on Matters Specific to Aircraft Equipment, 2001;

(m) "Record" means evidencing a document in permanent form for authoritative reproduction in the future and retaining that evidence in the registration file for an Aircraft to which the document relates;

(n) "National Aircraft Register" or "register" or "Malta Aircraft Register" means the National Aircraft Register of Malta;

(o) "Registry Authority" means the Authority for Transport in Malta established under the Authority for Transport in Malta Act;

(p) "Related Engine" means an engine to which the Treaty applies and which is identified by manufacturer's serial number in an IDERA;

(q) "Request" means a request in the form of Annex 3;

(r) "Revocation" means a revocation of an IDERA or Designation, as the case may be, in the form of Annex 4;

(s) "Signature Authorisation" a document legally authorising execution of a document contemplated by this Schedule, including without restriction, a power of attorney signed by an Officer; and

(t) "Treaty" means the Convention, as modified by the Protocol and including the declarations.

Article 2
IDERA Recordation

1. The Registry Authority will accept and Record an IDERA if that IDERA:

(a) is submitted in writing to the Registry Authority substantially in the form of Annex 1;

(b) identifies an Aircraft registered or to be registered in the Registry; and

(c) is signed in accordance with the requirements of Annex 5 (i) by an Applicant, or if an Applicant is not a natural person, an Officer of an Applicant, or (ii) under a Signature Authorisation.

2. Two copies of an IDERA are to be submitted to the Registry Authority and the Registry Authority will acknowledge receipt of that IDERA by executing one such copy and returning it.

3. The Registry Authority will (a) Record an IDERA submitted in accordance with Article 2(1) within two working days of receipt, (b) promptly confirm that Recordation is complete, and (c) issue a

declaration stating that pursuant to the Recordation of the IDERA the Registry Authority undertakes not to deregister the aircraft, unless consented to by the Authorised Party.

4. The Registry Authority will neither Record nor give effect to an IDERA for an Aircraft if that Aircraft has not yet been registered in the Registry or if another Recorded IDERA for that Aircraft has not been revoked.

5. If an IDERA is Recorded, an Authorised Party, or if a Designation is also Recorded, its Certified Designee shall be the sole person authorised to deliver a Request and exercise the remedies specified in the Protocol and, or in the First Schedule to the Act and, or in the Act pursuant to such IDERA.

Article 3
Certified Designee

1. The Registry Authority will record a Designation if:

(a) it is submitted in writing to the Registry Authority substantially in the form of Annex 2;

(b) it identifies a Recorded IDERA or an IDERA submitted with that Designation;

(c) no other Designation is Recorded for the relevant IDERA, other than a Designation which has been revoked;

(d) it is signed in accordance with Annex 5 (i) by the Authorised Party, or, if the Authorised Party is not a natural person, an Officer of the Authorised Party, or (ii) by the foregoing under a Signature Authorisation.

2. Two copies of a Designation are to be submitted to the Registry Authority and the Registry Authority will acknowledge receipt of that Designation by returning one copy, indicating in writing that it was "received".

3. The Registry Authority will (a) Record a Designation submitted in accordance with Article 3(1) within two working days, (b) promptly confirm that Recordation is complete, and (c) issue a declaration stating that the pursuant to the Recordation of the IDERA the Registry Authority undertake not to deregister the above captioned aircraft, unless consented to by the Certified Designee.

Article 4
Cancellation of an IDERA or Designation

1. An IDERA or Designation shall be revoked and be of no further effect if a Revocation:

(a) is submitted in writing to the Registry Authority substantially in the form of Annex 4;

(b) identifies a Recorded IDERA or Designation, as the case may be; and

(c) is signed in accordance with Annex 5 (i) in the case of an IDERA, by an Authorised Party, or, in the case of a Designation, by the Certified Designee and (ii) if the signatory to the Revocation is not a natural person, by an Officer of the foregoing or by the foregoing under a Signature Authorisation.

2. An Applicant shall have no power to issue a Revocation or otherwise revoke an IDERA or Designation.

3. Two copies of a Revocation are to be submitted to the Registry Authority and the Registry Authority will acknowledge receipt of that Revocation by returning one copy, indicating in writing that it was "received".

4. The Registry Authority will (a) Record a Revocation in accordance with Article 4(1) within two working days, and (b) promptly confirm that Recordation is complete.

5. Upon Revocation:

(a) The Registry Authority will not accept a Request or take any other action relating to an IDERA that has been revoked in accordance with Article 4(1);

(b) The Registry Authority will not accept a Request from a Certified Designee or take any other action on request of a Certified Designee under an IDERA if the Designation of that Certified Designee has been revoked in accordance with Article 4(1);

(c) The validity of an IDERA shall not be affected by revocation of a related Designation.

A 728

Article 5
Deregistration and Export

1. A Request will be accepted by the Registry Authority if that Request:

(a) is submitted in writing substantially in the form of Annex 3;

(b) identifies an IDERA Recorded in the Registry; and

(c) is signed in accordance with Annex 5 (i) by an Authorised Party or a Certified Designee, or, if the Authorised Party or Certified Designee is not a natural person, by an Officer thereof, or (b) by the foregoing under a Signature Authorisation.

2. The Registry Authority will honour each Request submitted in accordance with Article 5(1):

(a) to the extent so requested, by (i) effecting the Deregistration of the Aircraft, and (ii) taking all action within its power to effect or facilitate the Export of the Aircraft and any Related Engines:

(I) expeditiously, and, in any case, no later than five working days following receipt of the Request;

(II) without (i) the consent or approval of the Applicant or any other person or entity, (ii) any court or administrative or other order or decision of any kind, (iii) any need for the Registry Authority to investigate external facts, or (iv) imposing any additional requirements; and

(III) regardless of whether the Authorised Party or its Certified Designee is in possession of the Aircraft or Related Engine and notwithstanding that a Related Engine is not installed on the Aircraft;

(b) in the context of Export remedies only, subject to applicable aviation safety laws and regulations. For the purposes of this regulation, ‘applicable aviation safety laws and regulations’:

(i) do not include any requirement (I) for the issuance of an export certificate of airworthiness, or (II) without limiting Article 5(3), for any documents in the possession of, or any action by, an operator of an aircraft.

3. A Request will have the following additional effects:

(a) to the extent within its reasonable control, the Authorised Party is responsible, promptly following but not as a condition to the De-registration and Export of the Aircraft, for:

(i) removing or covering the Registry's nationality marks on the Aircraft and removing the fireproof plate;

(ii) returning to the Registry Authority the original (I) certificate of registration for the Aircraft, and (II) certificate of airworthiness for the Aircraft; and

(iii) changing any electronic or radio transmitting aircraft identifications so that it no longer indicates that such aircraft is registered in Malta.

4. Upon notice to the Applicant, the Aircraft may not be operated unless and until it is re-registered and can be lawfully operated under applicable airworthiness rules.

5. A Request with respect to an Aircraft will be honoured under Article 5(1) and 5(2) without regard to the identity of the engines and other equipment then installed on that Aircraft.

6. Export remedies under Article 5(1) and 5(2) will be made available for any Related Engines which are not then installed on the Aircraft.

7. Without limiting the Registry Authority's authority to DeRegister aircraft under applicable law, an Aircraft for which there is a Recorded IDERA may not be De-Registered on the request of the Applicant, unless that IDERA is the subject of a Revocation.

Article 6
Assignments

1. Rights under the documents set out in this regulation may not be assigned except with the express consent of the Registry Authority.

Anness 1
IDERA

[Daħħal id-Data]

Lil: Awtorità għat-Trasport f'Malta

Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili

Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru

Re: Tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal Esportazzjoni

Is-sottoskritt huwa [l-operatur] [is-sid] reġistrat tal- [daħħal l-isem tal-manifattur tal-qafas tal-inġenji tal-ajru/elikotteru u n-numru tal-mudell] li għandu n-numru ta' serje tal-manifattur [daħħal in-numru ta' serje tal-manifattur] u [in-numru] [il-marka] [daħħal in-numru/ marka ta' reġistrazzjoni] ta' reġistrazzjoni, mal-magni relatati segwenti [daħħal deskrizzjoni tal-magna, il-mudell, u n-numru ta' serje tal-manifattur] (flimkien mal-aċċessorji, partijiet u tagħmir kollu istallat, inkorporat jew imwaħħal, "l-inġenji tal-ajru")

Dan l-istrument huwa awtorizzazzjoni għat-tneħħija ta' reġistrazzjoni irrevokabbli u talba għall-esportazzjoni maħruġ permezz ta' garanzija mill-persuna hawn taħt iffirmata f'isem [daħħal l-isem u l-indirizz tal-kreditur] ("il-Parti Awtorizzata") taħt l-awtorità ta': (1) l-Artikolu 25 tal-Ewwel Skeda li jirrigwarda r-ratifika min-naħa ta' Malta tal-Konvenzjoni dwar Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli u l-Protokoll tagħha dwar Materji li Għandhom x'Jaqsmu ma' Tagħmir tal-Inġenji tal-Ajru (l-istrument l-aħħar imsemmi, il-"Protokoll"), u (2) l-Artikolu XIII tal-Protokoll. Konformement ma' dawn l-Artikoli, il-persuna hawn taħt iffirmata b'dan titlob:

(a) rikonoxximent li l-Parti Awtorizzata jew il-persuna nominata ċċertifkata, hija l-unika persuna li għandha d-dritt li:

(i) tikseb it-tneħħija ta' reġistrazzjoni tal-inġenji tal-ajru mir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru ta' Malta, miżmum mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għall-finijiet tal-Kapitolu III tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmat f'Chicago, fis-7 ta' Diċembru, 1994; u

(ii) tikseb l-esportazzjoni u t-trasferiment fiżiku tal-inġenji tal-ajru; u

(b) tikkonferma li l-Parti Awtorizzata jew il-persuna

nominata ċċertifikata tista' tieħu l-azzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) t'hawn fuq permezz ta' talba bil-miktub mingħajr il-kunsens tas-sottoskritt u li, meta ssir talba bħal dik, l-awtoritajiet f'Malta għandhom jikkoperaw mal-parti awtorizzata bil-ħsieb ta' kompletar mgħaġġel tal-azzjoni.

Id-drittijiet favur il-Parti Awtorizzata stabbiliti b'dan l-istrument ma jistgħux jiġu revokati mill-persuna hawn taħt iffirmata mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Parti Awtorizzata. Is-sottoskritt għalhekk jawtorizza lill-Parti Awtorizzata biex tiddelega d-drittijiet stabbiliti minn dan l-istrument għal kull parti terz li se jkun irreferit bħala persuna nominata ċċertifikata.

Jekk jogħġbok ikkonferma l-qbil tiegħek għal din it-talba u għall-kondizzjonijiet fiha billi tagħmel notament xieraq fl-ispazju provdut hawn taħt u billi tibgħat dan l-istrument għal reġistrazzjoni fir-Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru.

_____

Isem tal-operatur jew sid

Minn: [daħħal l-isem ta' min iffirma]

Kariga: [daħħal il-kariga ta' min iffirma]

Maqbul u mdaħħal fi [daħħal id-data]

Anness 2
Ħatra

[Daħħal id-Data]

Lil: Awtorità għat-Trasport f'Malta

Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili

Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru

Re: Ħatra taħt Tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal Esportazzjoni ddatata [daħħal id-data tal-IDERA] minn [daħħal l-isem tal-operatur/is-sid] għal [daħħal l-isem tal-manifattur tal-qafas tal-inġenji tal-ajru/elikotteru u n-numru tal-mudell] li għandu n-numru tas-serje tal-manifattur [daħħal in-numru tas-serje tal-manifattur] u n-numru tar-reġistrazzjoni [numru] [marka] [daħħal in-numru tar-reġistru/marka] (l-"IDERA")

Is-sottoskritt huwa l-Parti Awtorizzata (dan it-terminu u l-oħrajn użati f'din il-Ħatra għandhom it-tifsir kif mogħti fl-IDERA) taħt l-IDERA.

Taħt l-artikolu 3(2) tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru s-sottoskritt għalhekk jaħtar lil [daħħal l-isem tal-persuna nominata ċċertifikata] bħala l-persuna nominata ċċertifikata għall-finijiet kollha ta' [iddeskrivi r-regolament], immedjatament effettiv u sakemm din il-Ħatra hija rrevokata taħt l-artikolu 4(1) tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru.

_____

[Daħħal l-isem tal-Parti Awtorizzata]

Minn: [daħħal l-isem ta' min iffirma]

Kariga: [daħħal il-kariga ta' min iffirma]

Maqbul u mdaħħal fi [daħħal id-data]

Anness 3
Talba

[Daħħal id-Data]

Lil: Awtorità għat-Trasport f'Malta

Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili

Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru

Re: Tneħħija ta' Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal Esportazzjoni, iddatata [daħħal id-data tal-IDERA] minn [daħħal l-isem tal-operatur/is-sid] għal [daħħal l-isem tal-manifattur tal-qafas tal-inġenji tal-ajru/elikotteru u n-numru tal-mudell] li għandu n-numru tas-serje tal-manifattur [daħħal in-numru tas-serje tal-manifattur] u n-numru tar-reġistrazzjoni [numru] [marka] [daħħal in-numru tar-reġistru/marka] (l-"IDERA")

L-Inġenju tal-Ajru: [daħħal l-isem tal-manifattur tal-qafas tal-inġenji tal-ajru/elikotteru u n-numru tal-mudell] li għandu n-numru tas-serje tal-manifattur [daħħal in-numru tas-serje tal-manifattur] u n-numru tar-reġistrazzjoni [numru] [marka] [daħħal in-numru tar-reġistru/marka]

[Magni relatati: [jekk rilevanti, daħħal deskrizzjoni tal-mudell u n-numru tas-serje tal-manifattur]]

Is-sottoskritt huwa [il-Parti Awtorizzata][il-persuna nominata ċċertifikata](din u t-termini kollha l-oħra użati f'din il-Ħatra għandhom it-tifsir mogħti mill-IDERA) taħt l-IDERA.

[Is-sottoskritt jiċċertifika li l-garanziji reġistrati klassifikati skont il-prijorità għall-Parti Awtorizzata ġew imħallsin jew li d-detenturi tal-istess garanziji taw il-kunses tagħhom għal [tneħħija tar-reġistrazzjoni u esportazzjoni tal-inġenju tal-ajru][esportazzjoni tal-magna relatata]]

Taħt l-artikolu 5 tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru, is-sottoskritt għalhekk jitlob li malajr kemm jista' jkun, u, f'kull każ, fi żmien ta' ħamest ijiem tax-xogħol [(i) it-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru, fejn in-notifika tal-istess tneħħija tar-reġistrazzjoni tintbagħat immedjatament lil [daħħal l-isem tal-istat fejn l-inġenju tal-ajru huwa intiż li jkun sussegwentament irreġistrat] u (ii) kooperazzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u awtoritajiet amministrattivi oħra f'Malta fl-esportazzjoni ta' [inġenju tal-ajru][magna relatata] minn Malta.]

A 734

_____

[Daħħal l-isem tal-Parti Awtorizzata/persuna nominata ċċertifikata]

Minn: [daħħal l-isem ta' min iffirma]

Kariga: [daħħal il-kariga ta' min iffirma]

Maqbul u mdaħħal fi [daħħal id-data]

Anness 4
Revoka

[Daħħal id-Data]

Lil: Awtorità għat-Trasport f'Malta

Direttur Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili Reġistru Nazzjonali tal-Inġenji tal-Ajru

Re: Tneħħija tar-Reġistrazzjoni Irrevokabbli u Awtorizzazzjoni ta' Talba għal Esportazzjoni, datata [daħħal id-data tal-IDERA] minn [daħħal l-isem tal-opertaur/is-sid] għal [daħħal l-isem tal-manifattur tal-qafas tal-inġenji tal-ajru/elikotteru u n-numru tal-mudell] li għandu n-numru tas-serje tal-manifattur [daħħal in-numru tas-serje tal-manifattur] u n-numru tar-reġistrazzjoni [numru] [marka] [daħħal in-numru tar-reġistru/marka] ("l-IDERA")

[Jekk din hija revokazzjoni ta' Ħatra, inkuldi: il-Ħatra, datata [daħħal id-data tal-Ħatra] minn [daħħal l-isem tal-parti awtorizzat] li jaħtar lil [daħħal l-isem ta' persuna nominata ċċertifikata]

Is-sottoskritt huwa [il-Parti Awtorizzata][il-persuna nominata ċċertifikata](din u t-termini kollha l-oħra użati f'din ir-revoka għandhom it-tifsir mogħti mill-IDERA) taħt [IDERA][Ħatra]

Skont l-artikolu 4(1) tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru s-sottoskritt għalhekk jirrevoka [IDERA][Ħatra], effettiv immedjatament.

_____

[Daħħal l-isem tal-Parti Awtorizzata/persuna nominata ċċertifikata]

Minn: [daħħal l-isem ta' min iffirma]

Kariga: [daħħal il-kariga ta' min iffirma]

Maqbul u mdaħħal fi [daħħal id-data]

Anness 5
Formalitajiet

Dokument li jindika li kien iffirmat f'Malta għandu jiġi aċċettat mir-Reġistru tal-Awtorità mingħajr formalitajiet addizzjonali.

Dokument li jindika li kien iffirmat barra minn Malta għandu jiġi aċċettat mir-Reġistru tal-Awtorità jekk notorizzat lokalment għas-sodisfazzjon tad-Direttur Ġenerali u d-Direttur Ġenerali fid-diskrezzjoni tiegħu jista' wkoll isaqsi li d-dokument huwa debitament legalizzat permezz ta' *apostille*.".

Emenda tar-raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

33. Ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara t-Taqsima A tagħha għandu jiżdied dan li ġej:

"Inġenju tal-ajru li huwa intiż li jiġi operat mingħajr bdot abbord għandu jitkompla jiġi ikklassifikat bħala mingħajr bdot.

Inġenju tal-ajru mingħajr bdot għandu jinkludi *free balloons* mingħajr bdot u inġenju tal-ajru kkontrollat minn bdot mill-bogħod."; u

(b) it-Taqsima B tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-partita 1 tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"1. Il-marka tan-nazzjonalità tal-inġenju tal-ajru għandha tkun in-numru 9 segwita mill-ittra kapitali "H" f'karattri Latini u l-marka tar-reġistrazzjoni għandha tkun grupp ta' bejn tliet u ħames karattri, liema karattri jistgħu jkunu taħlita ta' ittri kapitali f'karattri Latini u, jew numri Għarab assenjati mid-Direttur Ġenerali fir-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru. L-ittri u n-numri għandhom ikunu mingħajr ornamentazzjoni u s-sing għandu jkun imqiegħed bejn il-marka tan-nazzjonalità u l-marka tar-reġistrazzjoni."; u

(ii) il-partita 4 tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"4. B'żieda għall-ħtiġiet qabel imsemmija ta' din l-Iskeda, pjanċa tal-metall li tirreżisti n-nar

għandha tiġi mwaħħla f'post prominenti mal-fuselage jew mal-karozza jew mal-baskett, kif ikun il-każ, u ħdejn l-entratura prinċipali tal-inġenji tal-ajru u għandu jkun hemm skritti fuq il-pjanċa tal-metall li tirreżisti n-nar, tal-inqas, in-nazzjonalità u l-marki ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru.".

Taqsima II
Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Emendi tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

34. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Tifsir. Kap. 12.

35. Kliem u frażijiet użati f'din it-Taqsima għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Emenda tat-Taqsim tal-Kodiċi.

36. Fit-Taqsim tal-Kodiċi, minnufih wara s-Sub-titolu V tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi għandu jiżdied dan li ġej:

"*Sub-titolu V bis*	Fuq il-Mandat ta' Żgumbrament jew ta' Tkeċċija minn Bċejjeċ tal-Baħar jew Inġenji tal-Ajru	384A".

Emenda tal-artikolu 167 tal-Kodiċi.

37. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 167 tal-Kodiċi, il-kliem "sakemm il-fond jitbattal, jew mingħajrha," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sakemm il-fond jitbattal, jew mingħajrha, jew" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) għal żgumbrament ta' operatur, kerrej jew xi okkupanti oħra, li jinkludu xi membri ta' persunal tagħhom minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru,".

Emenda tal-artikolu 273 tal-Att prinċipali.

38. Fil-paragrafu (j) tal-artikolu 273 tal-Kodiċi, il-kliem "*in procintu.*" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "*in procintu;*" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(k) mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru.".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Kodiċi.

39. Minnufih wara s-Sub-titolu V tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-

Tieni Ktieb tal-Kodiċi għandu jiżdied dan li ġej:

"Sub-titolu V bis
FUQ IL-MANDAT TA' ŻGUMBRAMENT JEW TA' TKEĊĊIJA MINN BĊEJJEĊ TAL-BAĦAR JEW INĠENJI TAL-AJRU

Mandat ta' Żgumbrament jew ta' Tkeċċija minn Bċejjeċ tal-Baħar jew Inġenji tal-Ajru.

384A.(1) Fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija, fuq it-talba ta' sid il-kera jew ta' *mortgagee,* tal-operatur, ta' kerrej jew ta' detenturi oħra, inkluż membri tal-persunal tagħhom minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru, l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jordna lill-operatur, kerrej jew lid-detenturi l-oħrajn, inkluż membri tal-persunal tagħhom li jħallu l-biċċa tal-baħar jew l-inġenju tal-ajru indikat fil-mandat a favur sid il-kera jew *mortgagee* jew il-Parti Awtorizzata fi żmien mhux anqas minn erbat (4) ijiem u mhux iżjed minn tmint (8) ijiem. Jekk l-operatur, il-kerrej jew detenturi oħrajn, inkluż membri tal-persunal tagħhom ma jħallux il-biċċa tal-baħar jew inġenju tal-ajru indikat fil-mandat meta jagħlaq dan iż-żmien, l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għandu jiżgura li l-operatur, il-kerrej jew detenturi oħrajn, inkluż membri tal-persunal tagħhom, għandhom jitneħħew mill-biċċa tal-baħar jew mill-inġenju tal-ajru u dan għandu anke jitbattal minn kull ħaġa li tkun ta' dawn il-persuni.

(2) Il-biċċa tal-baħar jew l-inġenju tal-ajru indikat fil-mandat għandu jkun miżmum f'Malta għall-għanijiet ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija u safejn jikkonċerna d-detenzjoni tal-biċċa tal-baħar jew l-inġenju tal-ajru, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 388Ċ għall-bċejjeċ tal-baħar u tal-artikolu 388E għall-inġenji tal-ajru għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.".

Emenda tal-artikolu 388D tal-Kodiċi.

40. L-artikolu 388D tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "jħallas l-ammont dovut" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jħallas l-ammont dovut jew jordna li l-imsemmija biċċa tal-baħar għandha tiġi rritornata lis-sid jew lil sid il-kera jew lill-*mortgagee*."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu

jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fuq talba ta' eżekuzzjoni ta' ordni skont artikolu Kap. 16. 1526 tal-Kodiċi Ċivili fuq ħruġ ta' mandat eżekuttiv ta' arrest tal-biċċa tal-baħar għal għanijiet ta' pussess mill-ġdid tal-istess, il-qorti għandha tordna mingħajr dewmien lill-operatur, kerrej jew detenturi oħrajn, inkluż membri tal-persunal tagħhom, sabiex jirritornaw il-biċċa tal-baħar a favur is-sid jew sid il-kera jew *mortgagee* skont il-każ, u, jekk ikun hemm bżonn, toħroġ ordnijiet kif stabbilit fl-artikolu 384A.".

Emenda tal-artikolu 388F tal-Kodiċi.

41. L-artikolu 388F tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, il-kliem "mid-data tal-applikazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mid-data tal-applikazzjoni jew tordna li l-imsemmi inġenju tal-ajru jiġi rritornat lis-sid, sid il-kera jew *mortgagee*."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (4) tiegħu għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Fuq talba ta' eżekuzzjoni ta' ordni skont l-Kap. 16. artikolu 1526 tal-Kodiċi Ċivili fuq ħruġ ta' mandat eżekuttiv ta' arrest tal-inġenju tal-ajru għal għanijiet ta' pussess mill-ġdid tal-istess, il-qorti għandha tordna mingħajr dewmien lill-operatur, kerrej jew detenturi oħrajn, inkluż membri tal-persunal tagħhom, sabiex jirritornaw l-inġenju tal-ajru a favur is-sid jew sid il-kera jew *mortgagee* skont il-każ u, jekk ikun hemm bżonn, toħroġ ordnijiet kif stabbilit fl-artikolu 384A.".

Emenda tal-artikolu 855 tal-Kodiċi.

42. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 855 tal-Kodiċigħandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "biċċa tal-baħar jekk mhux" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "biċċa tal-baħar, bl-eċċezzjoni ta' mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija, jekk mhux"; u

(b) il-kliem "fuq il-baħar kemm jekk le." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fuq il-baħar kemm jekk le:" u minnufih

wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda mandat ta' arrest kawtelatorju jista' wkoll jinħareġ mill-Qorti fiċ-ċirkostanzi provduti taħt l-artikolu 1526(5) tal-Kodiċi Ċivili sabiex jiżgura, f'każ ta' nuqqas, id-drittijiet ta' sid-il-kera kontra kerrej u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-imsemmi mandat ta' arrest, *mutatis mutandis*:

Kap. 16.

Iżda wkoll għall-għanijiet tal-artikolu 843, sid il-kera għandu jkun obligat li jġib l-applikazzjoni kkontemplata fl-artikolu 1526(5) tal-Kodiċi Ċivili fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-mandat ta' arrest.".

Kap. 16.

Emenda tal-artikolu 865A tal-Kodiċi.

43. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 865A tal-Kodiċi, il-kliem "kontra l-inġenji tal-ajru jekk mhux mandat ta' arrest." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kontra l-inġenji tal-ajru jekk mhux mandat ta' arrest:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda mandat ta' arrest kawtelatorju jista' wkoll jinħareġ mill-Qorti fiċ-ċirkostanzi provduti taħt l-artikolu 1526(5) tal-Kodiċi Ċivili sabiex jiżgura, f'każ ta' nuqqas, id-drittijiet ta' sid-il-kera kontra kerrej u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-imsemmi mandat ta' arrest, *mutatis mutandis*:

Kap. 16.

Iżda wkoll li għall-għanijiet tal-artikolu 843, sid il-kera għandu jkun obligat li jġib l-applikazzjoni kkontemplata fl-artikolu 1526(5) tal-Kodiċi Ċivili fi żmien għoxrin (20) ġurnata mill-mandat ta' arrest.".

Kap. 16.

Emenda tal-Iskeda B tal-Kodiċi.

44. Minnufih wara l-formula Nru 37 tal-Iskeda B tal-Kodiċi għandha tiżdied il-formola ġdida li ġejja:

"Formula Nru. 38

Mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru

Fil- (daħħal l-isem tal-Qorti)

(Applikant) .....

Kontra

(Intimat) .....

Rikors ta'

Jintalab bir-rispett:-

Illi dina l-Qorti tordna l-mandat ta' żgumbrament jew ta' tkeċċija kontra l-intimat, inkluż kwalsiasi operatur, kerrej jew xi okkupanti oħra, li jinkludu membri tal-persunali tagħhom (minn inġenju tal-ajru jew xi biċċa tal-baħar) fl-eżekuzzjoni tan-notifika ta' terminu msemmi hawnhekk, u fejn l-intimat naqas milli jagħmel dan.

Dettalji tal-inġenju tal-ajru jew tal-biċċa tal-baħar:

Dettalji tal-avviż ta' tmiem:

Il-post fejn tali ingenju tal-ajru jew il-biċċa tal-baħar ikun instab;

L-Awtorità: L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

Avukat:

Prokoratur Legali:

Illum, jum ta' 20

Ippreżentat minn

Firma tar-Reġistratur

A 742

Nru. 38

Mandat ta’ żgumbrament jew ta’ tkeċija minn bċejjeċ tal-baħar jew inġenji tal-ajru

Mandat tal-Qorti

Repubblika ta’ Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

FEJN b’avviż tat-terminu tal-kirja, kif imsemmi fir-rikors hawn fuq, l-intimat kien ikkundannat li jħalli l-inġenju tal-ajru jew il-biċċa tal-baħar, u fejn l-intimat s’issa naqas milli jagħmel;

Int, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ikkmandat li tiżgombra effettivament lill-intimat mill-inġenju tal-ajru jew biċċa tal-baħar imsemmi fir-rikors, billi tħallih battal favur l-istess rikorrenti u tordna wkoll lill-intimat imsemmi, billi tagħtih kopja ta’ dan il-mandat, li ma jfixkilx/ifixklux lill-istess rikorrenti fit-tgawdija libera tal-inġenju tal-ajru jew biċċa tal-baħar imsemmija, taħt il-pieni li hemm għal disprezz tal-qorti.

U wara l-eżekuzzjoni, jew malli tiltaqa’ ma’ kwalunkwe ostaklu fl-eżekuzzjoni, trid tirrapporta minnufih lill-Qorti.

Mogħti mill- (isem tal-Qorti)

U bix-xhieda ta’ Duttur tal-Liġi tal-Qorti hawn imsemmija

Illum, jum ta’ 20

".

Taqsima III
Emendi għall-Kodiċi Ċivili

45. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, hawn iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi". Emendi tal-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

46. Kliem u frażijiet użati f’din it-Taqsima għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fil-Kodiċi Ċivili. Tifsir. Kap. 16.

47. Fil-paragrafu ta’ wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 1526 tal-Kodiċi, il-kliem "u jista’ jitlob lill-Qorti" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "u jista’, permezz ta’ rikors, jitlob lill-Qorti". Emenda tal-artikolu 1526 tal-Kodiċi.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 482 tat-30 ta’ Ġunju, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati